Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 20 ta' Ġunju 2019**
**(OR. en)**

**10380/19**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2019/0104(NLE)**

**SCH-EVAL 104**
**VISA 135**
**COMIX 318**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 10379/19 |
| Suġġett: | Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2018 tal-**Estonja** dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-**politika komuni dwar il-viża** |

1. Wara l-adozzjoni mill-Kunsill tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, grupp ta' esperti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni wettaq evalwazzjoni tal-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viża, mill-Estonja fl-2018.

2. F'konformità ma' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni mfassla biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni u biex tiżgura li l-Estonja tapplika b'mod korrett u effettiv ir-regoli kollha ta' Schengen relatati mal-politika komuni dwar il-viża.

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen (Evalwazzjoni), inkluż is-sħab tal-Kumitat Imħallat in-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, approva l-proposta għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni fit-12 ta' Ġunju 2019.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, kif jinsab fid-dokument 10379/19, bħala punt 'A' f'waħda mil-laqgħat li jmiss.